KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 09/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09

*L-Erbgħa 18 ta' Marzu 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Darren Lynch talab sabiex ikun skużat minħabba appuntament ta' saħħa. Il-membri qablu li jkun skużat.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 08 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri protest ġudizzjarju li tressaq kontra l-Wasteserv, il-Kap tal-Biċċerija Pubblika u l-Avukat Ġenerali minħabba l-intejjen li kienu jidhru li ġejjin mill-akwati tal-Inċineratur u l-biċċerija. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv żied li kien infurmat mill-Era aktar kmieni illi kienu temmew l-investigazzjonijiet wara l-ilmenti li kien ressaq il-Kunsill li kien hemm ħsarat fl-inċineratur u li issa ssewwew. Il-membri tal-Kunsill xtaqu juru id-diżappunt tagħhom illi dan l-ilment ħa dan il-ħin kollu biex issolva.

*Il-Kunsilliera Bartolo u Arqueros daħlu issa.*

## 4. Covid-19

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi għall-benefiċċju wkoll tal-minuti illi ħarġu l-avviżi legali 76/2020 b'rabta ma' l-għeluq tas-swieq fil-beraħ li issa huma kollha pprojbiti milli joperaw irrelevanti mill-prodotti li jinbiegħu.

4.2. Mil-lat tal-uffiċċju is-Segretarju Eżekuttiv qal li ttieħdu bosta miżuri fl-uffiċċju sabiex nipproteġu is-saħħa tal-impjegati u l-klijenti. Infatti qed ikun anness mal-minuti il-miżuri li ttieħdu b'rispett lejn id-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u entitajiet oħra li jinkludu fost l-oħrajn l-għeluq taċ-Ċentru Anzjanità Attiva'.

4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li qed isiru bosta preparamenti sabiex fil-każ li isir lock-down jew miżuri oħra sabiex ix-xogħol ikun jista' jibqa' għaddej. Il-Kunsillier Axisa żied illi huwa tkellem mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex laqgħat oħra tal-Kunsill jibdew isiru b'sistemi online. Is-Sindku informa lill-membri illi huwa infurmat li dan qed jiġi diskuss mill-Assoċjazzjoni u d-Dipartiment.

5. **Proġetti**

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex jibda l-preparamenti fuq il-proġett ta' Lourdes, liema proġett hemm applikazzjoni pendenti l-Awtorità tal-Ippjanar però qed nistennew li l-Perit passat tal-Kunsill idaħħal l-applikazzjoni tal-bdil tal-Perit.

5.2. Il-Kunsillier Bartolo staqsa lis-Sindku dwar il-ħsarat tal-pjazza. Is-Sindku nfurmah li qed jinġabru l-istimi tax-xogħol. Il-membri wkoll qablu li isir rapport tal-ħsarat li hemm. Il-Kunsillier Axisa żied li jista' jitkompla ix-xogħol fuq il-masterplan tal-imwejjed u siġġijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi dan irid ukoll jerġa' jibda ix-xogħol mill-ġdid hekk kif mid-dehra l-Perit li ħadem il-Pjazza ma kienx ħadem fuq din l-applikazzjoni.

6. **Xogħolijiet Infrastruttura Malta**

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi Infrastruttura Malta infurmatu illi mhux ser tkun qed tibda xogħolijiet ġodda għalissa però xogħolijiet li hemm mibdija ser jaraw li jingħalqu mill-aktar fis possibbli. Huwa kompla li sadanittant huma komplew fuq xogħolijiet fl-akwata tal-MCAST kif ukoll skavar għall-pont propost għall-MCAST.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv seta' jinforma però li kienu qed isiru l-permessi neċessarji minn Infrastruttura Malta għal bini mill-ġdid ta' toroq residenzjali sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda kif is-sitwazzjoni tirritorna għan-normal.

7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku xtaq isaqsi lill-Kunsillier Bartolo jekk huwa qalx lil xi ħadd li s-Sindku qatta tender sabiex isir sqaq partikolari. Il-Kunsillier Bartolo qal li huwa ma qalx dan il-kliem imma huwa informa lir-resident illi hemm ix-xogħol mhux ser isir għax hemm probabilita li l-isqaq imsemmi mhux kompitu tal-Kunsill. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien għadu qed jistenna konferma dwar l-isqaq imsemmi mil-Lands.

8. **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8.1. Il-Kunsillier Bartolo xtaq isaqsi lis-Sindku sabiex il-Kunsill Lokali jgħid lill-parroċċa sabiex ixxandar il-funzjonijiet tal-Għid fit-toroq. Is-Sindku qal li huwa kien infurmat li jekk wieħed tagħmel speakers fuq barra jista' jwassal li jinġabru in-nies. Il-membri iddiskutew dan u qablu li dan mhux possibbli hekk kif dawn ix-xandiriet ser ikunu online u anke fuq it-televiżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri

illi l-Kunsill Lokali ma jistax jagħti dawn it-tip ta' donazzjonijiet kif ukoll li jħallas spejjeż relatati mal-iprattikar ta' reliġjon. Huwa kompla li wieħed għandu wkoll jistenna id-direttivi tal-Knisja Kattolika Maltija dwar kif għandhom jiġu ċċelebrati l-attivitajiet tal-Għid.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 09 għas-somma ta' €63,627.18.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 22 ta' April 2020.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 22 ta' April 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |